20 ta' Marzu, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Veronica Conti *versus* Victor Conti

## Alimenti — Sekwestru — Spejjeż Ġudizzjarji — Nullità — Art. 382 (1) (f) u 852 tal-Proċedura Ċivili

*Jekk persuna li kontra tagħha ġie spedit mandat ta' sekwestru, tippretendi li dak il-mandat ma għandux jolqot ċerti flus għax dawk il-flus ma humiex sekwestrabbli, dik il-persuna taġixxi sewwa meta hija titlob li dak il-mandat jiġi revokat in kwantu jolqot dawk il-flus; u għalhekk mhix attendibbli l-eċċezzjoni illi kien imissha ntalbet in-nullità tal-mandat. Għax il-mandat ikun null, u ma jipproduċix l-effetti li għalihom huwa rivolt, meta jkun nieqes minn xi rekwiżit meħtieġ skond il-liġi biex ikun ġuridikament eżistenti.*

*Flus dovuti b'titolu ta' alimenti "officio judicis" huma insekwestrabbli, meta l-kreditu li dwaru jintalab is-sekwestru ma jkunx għall-manteniment; imma l-ispejjeż ġudizzjarji inkorsi biex tiġi ottenuta l-kundanna tal-alimentant biex jissomministra dawk l-alimenti ma humiex eżenti mill-effetti tas-sekwestru; b'mod illi l-insekwestrabilità akkordata mill-liġi favur il-flus li huma dovuti taħt titolu ta' manteniment "officio judicis", meta l-kreditu li dwaru jirriferixxi s-sekwestru ma hux huwa wkoll għal manteniment, mhix estendibbli favur dawk l-ispejjeż, kif lanqas għall-ispejjeż inkorsi biex jiġi eżegwit il-kreditu ta' alimenti.*

Il-Qorti;—Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li biħ l-attriċi, premessi d-dikjarazzjonijiet opportuni u mogħtija l-provvedimenti neċessarji, billi b'sentenza ta' din il-Qorti tat-30 ta' Ġunju 1956, fil-kawża fl-istess ismijiet, il-konvenut ġie kundannat iħallas lill-attriċi, martu, pensjoni alimentarja ta' £12 fix-xahar u jħallas ukoll l-ispejjeż tal-kawża, ammontanti, skond taxxa wara l-mandat ta' sekwestru fl-istess

ismijiet (nru. 272), li għalieħ l-attriċi tagħmel riferenza, għal £67.8.5; u peress illi l-konvenut, in segwitu għal dak is-sekwestru, b'ċedola tat-2 ta' Novembru 1956 (dok. A) iddepożita taħt l-awtorità ta' din il-Qorti s-somma ta' £69.7.11, kwantu għal £67.8.5 spejjeż tal-kawża fuq imsemmija, u kwantu għal £1.19.6 spejjeż ta' dak is-sekwestru; u peress illi l-istess konvenut, qabel ma għamel id-depożitu, u preċiżament fil-31 ta' Ottubru 1956, ottjena l-ispedizzjoni ta' mandat kawtelatorju kontra l-attriċi f'idejn l-Avukat Dr. Giuseppe Vella, Reġistratur tal-Qrati Superjuri (dok. B), għall-pretensjoni tiegħu ta' restituzzjoni ta' mobbli da parti tal-attriċi, li għall-fini ta' dak is-sekwestru stmaha fil-valur ta' ċirka £340; prevja d-dikjarazzjoni li l-imsemmija spejjeż ta' £69.7.11 huma aċċessorji tas-sorti ta' alimenti, u li għalhekk mhumiex sekwestrabbli ħlief għal kreditu ieħor ta' alimenti, talbet li jiġi revokat l-imsemmi mandat ta' sekwestru mibgħut minnu kontra l-attriċi f'idejn l-Avukat Dr. Giuseppe Vella fil-kwalità msemmija, in kwantu jolqot l-imsemmi ammont depożitat biċ-ċedola fuq imsemmija, b'mod illi l-attriċi tista' liberament tiżbanka dak l-ammont, inattiż is-sekwestru fuq imsemmi.

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi, skond verbal tat-12 ta' Diċembru 1956, il-konvenut aċċetta l-fatti kif esposti fiċ-ċitazzjoni, jiġifieri li b'sentenza ta' dil-Qorti tat-30 ta' Ġunju 1956, fil-kawża fl-ismijiet "Veronica Conti vs. Victor Conti", il-konvenut kien ġie kundannat iħallas lill-attriċi, martu, pensjoni alimentarja, flimkien mal-ispejjeż tal-kawża, ammontanti għal £67.8.5. Fl-10 ta' Ottubru 1956 l-attriċi otteniet l-ispedizzjoni kontra l-konvenut ta' mandat ta' sekwestru; u l-konvenut, b'ċedola tat-2 ta' Novembru 1956, iddepożita taħt l-awtorità ta' dil-Qorti s-somma ta' £69.7.11, kwantu għal £67.8.5 spejjeż tal-kawża fuq imsemmija, u kwantu għal £1.19.6 spejjeż tas-sekwestru. Qabel ma għamel dak id-depożitu, però, il-kon-

venut, fil-31 ta' Ottubru 1956, kien ottjena l-ispedizzjoni ta' mandat kawtelatorju kontra l-attriċi f'idejn ir-Reġistratur tal-Qorti Superjuri għall-pretensjoni tiegħu ta' restituzzjoni ta' mobbli mill-attriċi, li, għall-finijiet tas-sekwestru, hu stima tal-valur ta' ċirka £340;

Illi l-eċċezzjoni li d-domanda hi magħmula ħażin għax l-attriċi kien messha talbet li l-mandat in kwistjoni jiġi dikjarat null, u mhux li jiġi revokat, hi insostenibbli; għax dak il-mandat, li ġie ottenut mill-konvenut qabel ma hu ddepożita l-ammont fuq imsemmi, ma jonqos minn ebda rekwiżit biex ikun ġuridikament ineżistenti u biex hekk ma jipproduċix ebda wieħed mill-effetti li għalihom kien rivolt. L-attriċi sostanzjalment qegħedha titlob li jiġi konstatat mill-Qorti illi l-imsemmi mandat ma għandu jkollu ebda effett fuq il-flus depożitati mill-konvenut, għax, skond hija, dawk il-flus ma jistgħux jiffurmaw oġġetti ta' sekwestru. L-attriċi qegħedha takkampa li l-mandat ma għandux jestendi l-effett tiegħu fuq dawk il-flus; u jekk it-teżi tagħha hi korretta, il-mandat jibqa' ġuridikament validu, iżda jkun ineffikaċi għar-rigward tal-istess flus, billi "utile per inutile non vitiatur". Għalhekk, l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut hi miċħuda; bl-ispejjeż;

Kwantu għall-eċċezzjoni l-oħra, li l-art. 382(1)(f) ma jolqotx l-ispejjeż tal-kawża fuq imsemmija;

Illi skond l-art. 852 kombinat mal-art. 382(1)(f) tal-Proċedura Ċivili, ma jistgħux jiffurmaw oġġett ta' sekwestru l-flus li għandhom jingħataw taħt titolu ta' manteniment "officio judicis", meta l-kreditu stess ma jkunx għall-manteniment. L-insekwestrabilità stabilita mil-liġi tikkostitwixxi eċċezzjoni għar-regola ġenerali tal-art. 2098 tal-Kodiċi Ċivili, li min jobliga ruħu personalment għandu jeżegwixxi l-obligazzjoni tiegħu bil-beni tiegħu kollha, preżenti u futuri; u bħala "jus" eċċezzjonali l-istess għandha tirċievi applikazzjoni restrittiva u rigoruża;

Il-liġi riedet tiffavorixxi biss il-kreditu li jkollu bħala titolu l-manteniment, billi tirrendieh immuni mill-azzjoni tal-kredituri, ħlief fil-każ ta' kreditu ieħor ukoll għall-manteniment;

Illi l-attriċi ssostni li l-ispejjeż fuq imsemmija huma aċċessorji tas-sorti ta' alimenti. Dawn l-ispejjeż, ammontanti għal £69.7.11, jikkonsistu fi spejjeż tal-kawża tal-alimenti fuq imsemmija u fi spejjeż tas-sekwestru li l-attriċi otteniet riferibilment għalihom kontra l-konvenut. Għalkemm dawn l-ispejjeż għandhom kawża mill-kreditu tal-attriċi għall-alimenti, u ma jistgħux jissussistu indipendentement mill-istess kreditu, ma jistgħax jingħad illi, għall-finijiet tas-sekwestru, huma jsegwu l-kreditu, minħabba fin-natura eċċezzjonali tad-dispożizzjoni tal-liġi in eżami. Il-liġi takkorda l-favur tagħha, bħala protezzjoni lill-alimentand, lil-flus li huma dovuti taħt titolu ta' manteniment "officio judicis", mingħajr ma semmiet l-ispejjeż tal-kawża tal-manteniment; u għalhekk mhux leċitu li dik id-dispożizzjoni tiġi estiża anki għal dawk l-ispejjeż. Meta l-liġi stabbiliet bħala kondizzjoni tal-insekwestrabilità (jew sekwestrabilità fit-tieni ipotesi) it-titolu alimentari, hija stabbiliet in-natura tal-kawża li minnha l-kreditu għandu jidderiva, b'esklużjoni ta' kull kawża oħra;

L-obligu tas-sokkombent f'kawża ċivili, li jirrifondi lir-rebbieħ l-ispejjeż tal-kawża, għandu bħala fondament ġuridiku t-turbament tad-dritt li l-kondotta nġusta tkun ikkaġunat; u minħabba f'dan, l-ordni privat ma jkunx ristabbilit għal kollox jekk is-sokkombent ma jirrifondix lir-rebbieħ l-ispejjeż li kienu neċessarji għall-eżerċizzju tal-azzjoni jew tad-difiża (Mortara, Princìpi di Proc. Civ., n. 179). Dan huwa fondament ta' natura prettament ekonomika, u mhux alimentari "ut sic", u għalhekk ma jistax jingħad illi l-ispejjeż f'kawża ta' alimenti għandhom bħala titolu d-dritt għall-alimenti. Ir-rapport ġuridiku li joħroġ minn rikonoxximent ġudizzjarju tad-dritt tal-mara għall-manteniment minn żewġha, u l-kundanna relativa tiegħu, huma differenti

mir-rapport ġuridiku għar-rifużjoni mis-sokkombent tal-ispejjeż li kienu neċessarji għal dak ir-rikonoxximent u kundanna. L-ispejjeż in kwistjoni saru "in okkażjoni" tal-kundanna tal-konvenut għall-manteniment; imma kawża tagħhom ma kienx il-manteniment, jew aħjar l-obligu tal-konvenut li jmantni lill-attriċi, imma l-inadempiment mill-konvenut ta' dak l-obbligu tiegħu, kif kienet dovuta għal dan l-inadempiment tal-konvenut tal-obligu tiegħu li jħallas lill-attriċi l-ispejjeż tal-kawża l-ispiża ta' £1.19.6 minnha nkorsa għas-sekwestru eżekutiv kontra tiegħu;

Għalhekk, billi n-natura tad-dritt tal-attriċi għar-rifużjoni mill-konvenut tal-ispejjeż indikati fiċ-ċitazzjoni mhix ta' alimenti, l-insekwestrabilità kontemplata mil-liġi fl-imsemmi art. 382(1)(f) mhix estendibbli għal dawk l-ispejjeż. Fil-kommentarju għall-Codice di Procedura Civile taljan (Pisanelli, Scaloja e Mancini, ed. 1879, V. III, p. 258) jingħad hekk:— "Gli autori francesci ritengono che sotto la parola 'alimenti' debba intendersi non solo il nutrimento, ma tutto ciò che è necessario alla vita, come vestimenta, alloggio, le cure dei medici e dei chirurgi, i medicamenti. Interpretazione giusta qualora si applichi ad oggetti di simili natura forniti materialmente; ma eccessiva se si applicasse alle spese fatte in giustizia per ottenere gli alimenti (Corte di Parigi, 8 Luglio 1826)". Dan il-komment jirriferixxi għall art. 592 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Taljan tal-1865 li kien jiddisponi "non possono essere pignorati gli assegni per alimenti eccettocchè per credito alimentare..." Fl-istess sens, Carrè (Procedura Civile, Vol. 3, no. 1986, p. 886); u fid-Digesto Italiano (Alimenti, nru. 245) jingħad:— "E così in tesi generale si ammette non potersi annoverare come alimentari le spese fatte in giudizio per ottenere gli alimenti";

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiċħad it-talba tal-attriċi; iżda, minħabba fin-natura tal-kwistjoni, l-ispejjeż jibqgħu mingħajr taxxa; dritt tar-Reġistru għall-attriċi.